MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 35

It-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Is-Sur Herman Schiavone (HS) Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

35.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier SZ li talab li jkun skużat fis-7.00pm u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

35.2.1.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 34.18.2.3 u talab li jiżdied il-kliem "ta' nar" wara il-kelma "armar", u l-kliem "taż-żewġ baned" jiġi sostitwit bil-kliem "tal-banda Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa". Il-Kunsill qabel.

35.2.1.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

35.2.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 34.2.1.9 u staqsa jekk sarx rapport dwar ir-*retaining wall* ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa talab lill-Perit jagħmel ir-rapport u qed isir.

35.2.1.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 34.4.7 li tirrigwarda patching fi Triq Tal-Ġebel, u Wied il-Qoton, u staqsa fiex wasal ix-xogħol.

35.2.1.4.1. Is-Sindku informa li r-romblu bħalissa qiegħed Ħal Għaxaq, u għandu jiġi hawn immedjatament wara. Huwa żied jgħid li nelfrattemp, Transport Malta ser tkun qed tagħti wiċċ ġdid fi Triq tal-Ġebel, kif ukoll Triq tal-Papa.

35.2.1.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 34.2.1.2 li tirrigwarda bust ta' San Ġorġ Preca f'Misraħ San Ġorġ Preca. Huwa informa li kellem lill-Perit Schembri li talab il-post eżatt sabiex ikun jista jkompli bl-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir fin-nofs tal-ħamrija li hemm fil-misraħ, il-parti tan-naħa tal-mużew.

35.2.1.6. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għal materja 34.3.4 li tirrigwarda l-klassijiet tal-aerobics tal–*Health Promotion* u infurmat li nstab kompromess u qed isiru fl-iskola.

35.2.1.7. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 34.4.4 u informa li huwa jinsab infurmat li l-ewwel wiċċ ta' asfaltar ser jingħata sal-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla.

35.2.1.8. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 34.18 li tirrigwarda in-nar tal-festa. Huwa informa li mis-*Civil Protection Department*, ġie mitlub li jsir *risk assessment* għal pjazza u x-xatt. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir mingħajr preġudizzju, suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill iktar il-quddiem, wara konsultazzjoni mal-partijiet involuti.

35.2.1.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 34.18 li tirrigwardja l-festa ta' San Pietru. Is-Sindku tkellem ukoll dwar korrispondenza riċevuta mis-Sur Ivan Zammit li hija relatata mas-suġġett. Il-Kunsill qabel li l-istatwa tintrama kif suġġerit, taħt is-*central strip* u l-irdieden jintramaw bejn ir-*roundabout* u s-*central strip*. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ għandu jipprepara *traffic flow / management* għal ġimgħa tal-festa, liema proposta għanda titressaq fil-laqgħa li jmiss għad-diskussjoni.

## 35.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

35.3.1. Is-Sindku tkellem dwar ċirkulari PA/1/17 maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar u informa dwar il-bdil fl-istruttura tal-programm *Urban Improvement Fund* hekk kif indikat fuq iċ-Ċirkulari. Il-Kunsill kien infurmat li l-ammont f'dan il-fond, issa jaqbeż il-€100,000.

35.3.1.1. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li ladarba hemm il-fondi, il-Kunsill għandu jaħdem biex jikkonkludi l-proġett ta' bandli inklussiv fil-Ġnien tal-Papa.

35.3.1.2. Il-Kunsill qabel li dan il-fond jiġi diskuss fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

35.3.2. Is-Sindku tkellem dwar ittra R-0137, riċevuta mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, li titratta t-talba mis-Sur Shaun Mizzi, għal kumpens ta' danni li allegatament sofra fit-triq magħrufa bħala Ta' Kalafrana.

35.3.2.1. Is-Sindku fakkar fil-komunikazzjoni li kellu mal-Ministru Mallia, liema Ministru ikkonferma li din it-triq għandha tkun responsabilta' ta' Transport Malta.

35.3.2.2. Il-Kunsill qabel li għandu jżomm mad-deċiżjoni preċedenti u m'għandux jaċċetta responsabilta' ta' din it-triq.

35.3.3. Is-Sindku tkellem dwar il-proġett li qed isir mill-GHRC fi Triq Arturo Issel u Triq l-Għerien.

35.3.3.1. Is-Sindku informa li qed isir xi xogħol ta' tindif u manutenzjoni f'din iż-żona, bl-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill.

35.3.3.2. Is-Sindku qal li nqala' l-ħajt u floku saret kurduna, qed titwitta l-ħamrija u ser jinżergħu xi sigar.

35.3.3.3. Il-Kunsillier SZ u l-Kunsillier AC talbu li jkunu infurmati fil-ħin opportun b'dawn l-affarijiet, għaliex huma wkoll ikunu jridu jagħtu informazzjoni liċ-ċittadini.

35.3.3.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jista' jkun hemm diffikulta' dwar il-ħlas għax-xogħol tal-kurduna li saret.

35.3.4. Permezz ta' e-mail, mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie infurmat dwar il-programm ELOGE (Label of Innovation of Good Governance)

35.3.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax.

## 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

35.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li ninfurmaw il-pulizija li fi Triq l-Għerien, qed ikun hemm van ipparkjat b'mod abbużiv kontinwament, u li qed joħloq periklu.

35.4.1.1. Is-Sindku informa li jista' jsir rapport lil-Pulizija sabiex ikellmu lis-sid.

35.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi approvazzjoni mill-Kunsill u minn Transport Malta, għal ċaqliq ta' linji ta' parkeġġ fi Triq F.M. Ferretti, li ġie perikoluż, u infatti reġa' inbidel u sar kif kien l-għada filgħodu.

35.4.2.1. Is-Sindku informa li kellu approvazzjoni verbali minn Transport Malta, madankollu, wara li ġie evalwat fiżikament, inħass li hemm bżonn disinn iktar ħolistiku, u li jkun jinkludi *road humps.*

35.4.2.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar l-approvazzjoni jew meta ġiet diskussa fil-Kunsill.

35.4.2.3. Is-Sindku informa li ma ġietx diskussa minħabba li dan huwa żieda fi spazju ta' parkeġġ.

35.4.3. Il-Kunsillier LAG staqsiet lis-Sindku jekk jistax isir xogħol simili fi Triq il-Port Ħieles.

35.4.3.1. Is-Sindku informa li fil-passat kien hemm disinn għal din it-triq, pero' ser issir verifika fiex wasal il-proċess.

35.4.4. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għas-siġar imxerdin fil-lokalita' u staqsiet lis-Sindku għala numru minnhom mhux qed jissaqqew.

35.4.4.1. Is-Sindku informa li kemm hu u kemm l-uffiċċju kontinwament isusu wara l-kuntrattur biex iwettaq il-programm tax-xogħol kollu. Huwa informa wkoll li l-kuntrattur ġie imwissi li ser jinżamm responsabbli tal-pjanti.

35.4.5. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilta' li jsiru *doggy bins* fi Triq il-Fossili.

35.4.5.1. Is-Sindku informa li fil-viċinanzi diġa' hemm tnejn, madankollu, jekk il-Kunsill ikollu iktar, jikkunsidra twaħħal ta' bin f'din it-triq.

35.4.6. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar l-ornament tal-ġebel ta' Triq iż-Żebbuġ, li kien inqala minnu fil-passat, u għadu ma sarx.

35.4.6.1. Is-Sindku informa li kif il-ħaddiema ikollhom ftit ċans, ser jaħdem fuqu.

35.4.7. Il-Kunsilliera LAG staqsiet lis-Sindku jekk karru ta' dgħajsa jistax jiġi parkeġġat fit-triq.

35.4.7.1. Is-Sindku informa li skont kif jafha hu, jekk karru ikollu numru imwaħħal, dan jista' jiġi parkeġġat barra, suġġett li jkun konformi mal-liġi, madankollu, issuġġerixxa li ssir verifika mal-Pulizija.

35.4.8. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk żwiemel jistawx jitnizzlu jgħumu il-Qajjenza.

35.4.8.1. Is-Sindku informa li hemm deċizjoni tal-Kunsill, dwar żoni permessibbli, madankollu, huwa żied jgħid li jinsab infurmat li l-Ministeru kkonċernat ser joħroġ linji gwida uffiċjali.

35.4.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal-lampa ta’ Triq Wied Ħas Saptan u talab lis-Sindku jintervjeni sabiex din tinxtegħel.

35.4.9.1. Is-Sindku informa li qed jaħdem fuq din il-materja.

35.4.10. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta’ li jsiru linji ta’ parkeġġ fi Triq il-Qroll.

35.4.10.1. Is-Sindku JC informa li ser issir verifika jekk huwiex ta’ vantaġġ u fil-każ jistgħu isiru max-xogħlijiet.

35.4.11. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk tistax issir *road hump* tat-tarmac fi Triq il-Gandoffla, minħabba sewqan eċċessiv.

35.4.11.1. Is-Sindku JC issuġġerixxa li jsir disinn u jiġi diskuss.

35.4.12. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-bżonn ta’ manutenzjoni ta’ toroq fiż-żona Tal-Papa u staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta’ li jsir rapport ta’ l-istat tagħhom u x’hemm bżonn li jsir.

35.4.12.1. Is-Sindku JC irrimarka li l-Kunsill għandu jikkunsidra programm ta’ asfaltar fl-estimi finanzjarji tas-sena d-dieħla.

## 35.5 Rapporti

35.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lista ta’ assi tal-Kunsill li huma *beyond economical repair*, sabiex jinqatgħu minn fuq il-kotba tal-Kunsill u jkunu jistgħu jintremew (Anness Dok A).

35.5.1.1. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier SZ sabiex l-oġġetti fil-lista msemmija, jinqatgħu minn fuq il-kotba tal-Kunsill u jintremew. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

35.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

35.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 05/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK B1).

35.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

35.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal April bir-riferenza 04/2017 (Anness Dok B2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

35.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 35.8 Mozzjonijiet;

35.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 35.9 Ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ;

35.9.1. Is-Sindku informa li insegwitu tad-deċiżjoni meħuda fl-aħħar laqgħa, ġie konkluż il-proċess tal-għazla tas-Sinjorina Michaela Maria Chircop bħala Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

## 35.10 Proposti ta' Bye-laws;

35.10.1. Is-Sindku informa li sad-data tal-għeluq, ma kienx hemm kummenti mill-pubbliku riċevuti fuq il-Bye-laws proposti li huma "Użu ta' Faċilitajiet tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa" u oħra li tirrigwarda "Attivitajiet fil-Piċċ tar-Ramel tal-Bajja s-Sabiħa".

35.10.2. Il-Membri tal-Kunsill ma kellhomx kummenti x'iżidu fuq il-Bye-laws proposti.

35.10.3. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier SZ, favur l-approvazzjoni tal-Bye-laws proposti, u sussegwentament jibda il-proċess relevanti sabiex dawn jidħlu fis-seħħ. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 35.11 Rapport Annwali Amministrattiv;

35.11.1. Is-Sindku JC għamel referenza għar-rapport annwali amministrattiv li ġie iċċirkolat mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

35.11.2. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni, issekondata mill-Kunsilliera LAG, favur l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv għas-Sena 2016, ittieħed vot, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 35.12 Kuntratt Bulky Refuse;

35.12.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji.

35.12.2. Is-Segretarju spjega li insegwitu għad-deċizjoni meħuda mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, huwa tkellem mal-Kuntrattur li joffri s-servizz ta' Tipper Truck sabiex isir l-arranġament.

35.12.3. Il-Kuntrattur imsemmi f'35.12.2 aċċetta t-talba tal-Kunsill, bil-premessa li x-xogħol isir bl-għajnuna ta' ħaddiema tal-Kunsill, jingħata ħlas addizjonali t'a €12.90 kull ġurnata, sabiex ikopri l-ispejjeż tal-vettura u fjuwil involuti sabiex iwettaq dan ix-xogħol.

**NB. 6.40 pm: Il-Kunsillier JB attenda għal-laqgħa**

35.12.4. Is-Segretarju spjega li l-proċedura għal ġbir ta' skart goff għandha, u ser tibqa' titħaddem mill-uffiċċju bl-istess mod kif inhi s-sistema tal-ġbir ta' skart goff fil-preżent, u li tfisser li kulħadd jingħata appuntament meta jmissu, u jintbagħat ir-rapport Waste Consignment Note il-ġurnata ta' qabel il-ġabra.

35.12.5. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni ta' dan is-servizz, bil-ħlas kif maqbul mal-Kuntrattur, bis-servizz isir kull ġurnata bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, issekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed Vot, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 35.13 Talba għal No Objection – Gabbana fil-Bajja s-Sabiħa

35.13.1. Is-Sindku informa li insegwita għal korrispondenza riċevuta dwar is-suġġett, hekk kif maqbul permezz t'a korrispondenza interna, il-Kunsill ħareġ *no objection* sabiex tali proġett ikun inkorporat fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Projects Plus.

## 35.14 Proġett tal-Water Polo Club

35.14.1. Is-Sindku informa li kif maqbul, ġie iffirmat il-kuntratt mal-Waterpolo Club, liema kuntratt ġie iċċirkolat mal-Kunsilliera fil-ġranet li għaddew, u liema abbozz qed jiġi anness bhala "Dok C"

35.14.2. Il-Kunsillier JB informa li saret laqgħa bejn l-operatur tal-facilitajiet tal-Waterpolo Club, u r-residenti nvoluti, fejn intlaħaq qbil bejnietom ukoll.

35.14.3. Il-Kunsillier JB informa li l-Operatur offra li jsir embellixximent quddiem ir-residenti (, u jassorbi 75% tal-ispiża tal-proġett.

35.14.3.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li fil-passat kien hemm propost li l-parti ta quddiem ir-residenti issir *one-way for residents only.*

35.14.4. Il-Kunsill qabel ukoll li l-operatur jiġi infurmat bil-possibilta' li l-bitħa tal-iskola tintuża bħala parkeġġ.

## 35.15 Applikazzjonijiet *Local Government Culture Fund*

35.15.1. Is-Sindku tkellem dwar cirkulari 9/2017, li titratta Attivitajiet Kulturali tal-Kunsill Lokali. Huwa informa li l-Kunsill applika għal żewġ attivitajiet, li huma Regatta f'Birżebbuġa, u Joys of Gospel.

35.15.1.1. Is-Sindku qal li permezz ta' e-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni tal-Attivita' Joys of Gospel ma ġietx milqugħa.

35.15.1.2. Is-Sindku qal li permezz ta' e-mail mid-Dipartiment għall -Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni tal-Attivita' Regatta f'Birżebbuġa ġiet milqugħa, bil-fond allokat ikun ta' €7,000.

## 35.16 Attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa;

35.16.1. Is-Sindku tkellem dwar it-talba riċevuta sabiex isir kuncert ta *The Wailers* fil-Bajja s-Sabiħa, u li permezz ta' korrispondenza interna, il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

35.16.2. Il-Kunsill qabel li jiġu abbozzati l-kundizzjonijiet relevanti għall-attivita u ssir laqgħa mal-organizzatur.

## 35.17 Applikazzjonijiet ta' Żvilupp;

35.17.1. Ma kienx hemm applikazzjonijiet diskussi.

## 35.18 Użu ta’ Container f’Wesgħa Carmelo Caruana.

35.18.1. Is-Sindku informa dwar talba riċevuta mill-Birżebbuġa St Peter’s fejn talbu għal *no objection* għal tpoġġija ta’ container fl-ispazju Wesgħa Carmelo Caruana, fejn iżommu attivitajiet ta’ *fund raising.*

35.18.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma hemmx oġġezzjoni.

## 35.19 Railing fi Triq iż-Żibra.

35.19.1. Is-Sindku tkellem dwar talba minn resident sabiex isiru railings fuq il-bankina fi Triq iż-Żibra, quddiem residenza numru 27.

35.19.2. Il-Kunsill innota li possibbilment dan huwa bżonn minħabba persuna bi bżonnijiet speċjali.

35.19.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tintalab verifika minn tabib, u jekk fl-affermattiv, issir it-talba lil Transport Malta sabiex isir.

## 35.20 Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Community Innovation Fund (CIF)

35.20.1. Is-Sindku informa dwar Ċirkulari Numru 13/2017, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li titrattata dwar il-Local Government Community Innovation Fund (CIF).

35.20.2. Is-Sindku talab lil Kunsilliera jaħsbu fuq proġetti relevanti u jitressqu għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 35.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.21.1. Il-laqgħa intemmet fit-7.05 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 19 ta’ Ġunju 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 19 ta’ Ġunju, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Baldacchino<br>Viċi Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |

# Disposal of Items

| Category | Ref | Date Purchased | Details | Cost Price | NBV |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | KLB00013 | 24/11/1995 | Books Computer-Coral | 55.9 | 11.24 |
| 4 | KLB00023 | 05/11/1995 | Directory Trade | 23.29 | 4.71 |
| 5 | KLB00191 | 05/02/2001 | Computer s/h | 81.53 | 1.29 |
| 5 | KLB00194 | 26/02/2001 | Scanner/mouse | 137.43 | 2.15 |
| 5 | KLB00178 | 25/01/2001 | Projector LCD | 2795.25 | 101.77 |
| 5 | KLB00253 | 19/06/2003 | Electronic Sorter | 349.41 | 20.73 |
| 5 | KLB00372 | 30/10/2009 | Photographic Camera | 270 | 57.43 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | **3633.62** | **183.37** |

Items Approved for disposal during the 35th Meeting of the 7th Legislature on 22/5/17

Svetlick Flores
Executive Secretary

Joe Cutajar
Mayor

DOK B

**Att Nru:**

**Ftehim**

Quddiemi Duttur tal-Ligi Nichoas Briffa, Nutar Pubbliku ta' Malta, qeghdin jidhru personalment wara li accertajt ruhi mill-identita' taghhom permezz tad-dokumenti ufficjali hawn taht imsemmija:

Min-naha wahda:

George Farrugia, Direttur ta' Kumpanija, bin Joseph Farrugia u Agnes nee' Zammit, imwieled Birzebbugia fis- 27 Jannar 1955 u residenti H'Attard, detentur tal-karta ta' identita' numru 0114055M, u Joseph Esposito, Officer II fil-Bank Centrali ta' Malta, bin Joseph Esposito u Olympia nee' Grech Hardie, imwieled il-Pieta' fil-11 ta' Ottubru 1966 u residenti Birzebbugia, detentur tal-karta ta' identita' numru 0457766M, li qeghdin jidhru fuq dan l-att fil-kapacita' taghhom ta' president u segretarju rispettivament tal-**Birzebbugia Aquatic and Sports Club**, kif debitament awtorizzati in forza ta' Rizoluzzjoni tal-Membri tal-Kumitat hawn annessa u immarkata dokument ittra "   ", hawn aktar 'il quddiem il- Birzebbugia Aquatic and Sports Club imsejjah "is-Sid" u/jew il-Klabb skont il-kaz.

U min-naha l-ohra:

Joseph Cutajar, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia, bin il-mejjet Anthony Cutajar u Marianne nee' Dimech, imwieled fir-Rabat, Malta fl-14 ta' April 1945 u residenti Birzebbugia, detentur tal-karta ta' identita' numru 0349045M, u Svetlick Joseph Flores, Segretarju Exekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia, bin il-mejjet Mario Flores u Mary Rose nee' Abela, imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Jannar 1981 u residenti l-Fgura, detentur tal-karta ta' identita' numru 0051281M, li qeghdin jidhru flimkien fuq dan l-att ghan-nom u in rapprezentanza tal-**Kunsill Lokali ta' Birzebbugia**, hawn aktar 'il quddiem il-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia imsejjah "il-Kunsill".

Minni Nutar maghrufa.

Il-komparenti Partijiet qieghdin jippremettu u jiddikjaraw:

Illi l-Klabb huwa s-sid tal-ispazju tal-bejt sovrastanti l-*Club House*, fi Pretty Bay, Birzebbugia, hawn aktar 'il quddiem il-*Club House* imsejha "l-*Pitch*", liema *Pitch* jinsab mibni fuq art moghtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-*Club* mid-Dipartiment ta' l-Artijiet in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli tal-hdax ta' Settembru tas-sena elfejn (11.09.2000).

Illi pero' eskluza mill-enfitewsi temporanja hemm l-arja sovrastanti l-*Club House* ta' qabel tal-kejl ta' cirka hamsa u disghin metri kwardi (95mk), liema arja hija indikata b' mod car fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt hawn fuq imsemmi, hawn aktar 'il quddiem l-imsemmija arja imsejha "*Designated Area*".

Illi stante illi in segwitu ta' **disinn arkitettoniku gdid** tal-*Club House* il-gdida kif approvati jew kif mistennija li jigu approvati mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, id-*Designated Area* li originarjament kienet intenzjonata ghal uzu u access pubbliku u li tinsab indikata fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt hawn fuq imsemmi, issa hemm bzonn li tigi riallokata fuq *area* ohra fuq il-bejt il-gdid kif mibni. Tali arrangament u riallokazzjoni tad-*Designated Area* huwa necessarju peress illi l-*area* originali riservata fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-Klabb hija issa inkorporata fl-*area* intenzjonata ghall-izvilupp ta' *catering outlet* u *commercial space* fuq dik il-parti tal-bejt.

Illi stante illi l-ispazju tal-bejt prezenti gie ridizinjat u imkabbar sabiex jitkejjel cirka disa' mitt metru kwadru (900mk), kemm il-Klabb u kif ukoll il-Kunsill jixtiequ u huma kommessi li l-pubbliku in generali jkompli jkollu access permanenti, liberu u minghajr limiti kemm jista' jkun tal-partijiet *designated* il-godda tal-bejt allokati li jidhru immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u immarkata dokument ittra "      ".

Ghaldaqstant, bis-sahha ta' dan l-att, il-Klabb qieghed irrevokabbilment jintrabat u jobbliga ruhu ghaf-favur tal-Kunsill, li jaccetta, sabiex ihalli u jippermetti l-uzu pubbliku esklussiv, permanenti, liberu u minghajr ebda ostakolu tad-*Designated Area* l-gdida fuq l-ispazju tal-bejt ezistenti tal-kejl ta' cirka tlett mija u tmienja u erbghin metri kwadri (348mk) u immarkata bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u immarkata dokument

ittra “ ”.

Dan il-ftehim huwa soggett ghat-termini u l-kundizzjonijiet li gejjin:

1. Il-koncessjoni hija gratuwita u l-ebda Parti fuq dan il-kuntratt ma huwa soggett li jhallas lill-Parti l-ohra kwalunkwe konsiderazzjoni fi flus.

2. Il-komparenti Partijiet jiddikjaraw illi qeghdin jaqqblu, jiftehmu u jaccettaw illi l-ispazju kollu tal-bejt, eskluzi l-hamsa u disghin metri kwadri (95mk) originarjament eskluzi mill-kuntratt originali ta’ enfitewsi hawn fuq imsemmi, ghandu jibqa’ proprjeta’ esklussiva tal-Klabb, pero’ soggett ghad-drittijiet tal-Kunsill moghtija lilu bis-sahha ta’ dan l-att.

3. Il-Klabb ghandu jkun unikament responsabbli ghall-manutenzjoni u t-tindif tad-*Designated Area.*

4. Il-pubbliku ghandu jinghata uzu liberu u mhux ostakolat ghal tali spazju tal-bejt fuq bazi ta’ erbgha u ghoxrin (24) siegha kuljum ghal sebat (7) itjiem. Kwalunkwe attivita’ organizzata fid-*Designated Area* ghandha tigi maqbula bejn il-komparenti Partijiet u ghandu jkun hemm il-kunsens espress tal-komparenti Partijiet. Madanakollu fl-ebda cirkostanza, d-*Designated Area* ma ghandha tintuza ghal kwalunkwe attivita’ kummercjali **hlief bi ftehim espress bil-miktub bejn l-komparenti partijiet.**

5. Il-Klabb jista’, wara konsultazzjoni mal-Kunsill, jaghlaq temporanjament parti jew id-*Designated Area* kollha ghal ragunijiet ta’ manutenzjoni u/jew tindif li jista’ jkun hemm bzonn minn zmien ghal zmien.

6. Il-komparenti Partijiet b’ kollaborazzjoni ta’ xulxin ghandu jkollhom id-dritt li jassiguraw li l-pubbliku li jaghmel uzu mid-*Designated Area* ghandu jgib ruhu b’ tali mod li ma jipperikolax lilu nnifsu u l-interessi tal-pubbliku generali u lanqas ma jikkawza dannu lill-proprjeta’ tal-Klubb.

7. Il-Klabb ghandu jipprovdi ghas-spejjez unikament tieghu ghal dawl adegwat lid-*Designated Area* sabiex jassigura *safety* totali lill-pubbliku li jaghmel uzu mill-imsemmi *area* tal-bejt.

Madanakollu l-Klabb qieghed jintrabat u jobbliga ruhu li jirriplejsja l-erbgha u ghoxrin (24) *lamp posts* b' *fixtures* izghar sabiex jipprovdu d-dawl mehtieg u fl-istess hin jnaqqsu sostanzjalment il-*light pollution* prezenti. Dan l-obbligu ghandu jigi sodisfatt fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

8. Il-Klabb jintrabat u jobbliga ruhu li jerigi zewg *toilet facilities* fuq dik il-parti ta' l-istruttura tal-bejt intenzjonata ghal skopijiet u uzu kummercjali u ghandu jassigura access liberu u totali ghall-imsemmija *toilet facilities* mill-pubbliku in generali. Ir-responsabilita' ghaz-zamma u t-tindif u kif ukoll ghall-manutenzjoni tal-istess *toilet facilities* ghandha tibqa' ghas-spejjez u responsabilita' unika tal-Klabb. L-imsemmija *toilet facilities* ghandhom ikunu dejjem accessibbli ghall-pubbliku in generali ghal dawk is-sieghat li l-*catering facilities* fuq il-bejt ikunu miftuha.

**9. Il-komparenti partijiet qieghdin ukoll jaqblu illi klawsoli seba (7) u tmienja (8) ta' dan l-kuntratt huma ukoll soggetti illi l-klabb jottieni l-permessi relattivi mill-Awtorita tal-Ipjannar.**

10. Dan il-ftehim ghandu jibqa' fis-sehh ghall-perjodu shih tal-koncessjoni enfitewtika moghtija lill-*Club* mid-Dipartiment ta' l-Artijiet **u ghal kwalunkwe estensjoni tal-istess koncessjoni,** u ghandu jibqa' soggett ghal kwalunkwe direzzjonijiet specifici moghtija minn *Sports Malta* bhala amministraturi tal-istess proprjeta' ghan-nom tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

11. L-uzu tal-bejt minn terzi persuni ghandu jibqa' soggett ghat-termini u kundizzjonijet tal-ftehim ta' lokazzjoni iffirmat bejn il-Klabb u terzi persuni fil-hamsa ta' April elfejn u sittax (05.04.2016), pero' sakemm l-istess ftehim ma jkunx f'konflitt ma' dan il-kuntratt. Jekk jirrizulta tali konflitt, il-klawsola rilevanti f' dan il-kuntratt ghandha tipprevali.

12. F'kaz ta' tilwima bejn il-komparenti Partijiet fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni rizultanti u in konnessjoni ma' dan il-kuntratt, ic-Centru ta' Arbitragg f'Malta ghandu jisma u jiddeciedi tali tilwima, salv id-dritt ta' appell fil-Qorti ta' l-Appell (Gurisdizzjoni Superjuri).

**13. Il-Klabb jobbliga ruhu li jibghat kopja ta' da nil-**

**kuntratt lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Kunsill Malti Ghall-Isport u li jassigura ruhu li jidhol f' arrangement ulterjuri mad-Dipartiment ta' l-Artijiet li jirrifletti dan l-arrangament tal-lum jekk ikun il-kaz.**

14. **Salv il-premess, il-komparenti Partijiet jirrimetu ruhhom ghall-kumplament tad-dispozizzjonijiet elenkati fil-kuntratt originali tal-koncessjoni enfitewtika bejn il-Klabb u d-Dipartiment ta' l-Artijiet surreferit.**

L-ispejjez u d-drittijiet nutarili in konnessjoni ma' dan il-kuntratt ghandhom jigu sopporatati ugwalment bejn il-Partijiet.

Dan l-att gie maghmul, moqri u ippubblikat wara d-debita spjegazzjoni skond il-Ligi f' Malta,